

32003R2228

L 339/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.12.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2228/2003**tat-22 ta' Diċembru 2003****li jwaqqaf ir-reviżjoni parzjali interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjoni ta' urea li toriġina mir-Russja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

3. Investigazzjoni

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-Regolament bażiku), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Miżuri fis-seħħ**

(1) Fl-10 ta' Mejju 2001, il-Kunsill, bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 901/2001 ⁽²⁾, impona taxxa *anti-dumping* definitiva fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw mir-Russja. It-taxxa kienet f'forma ta' taxxa varjabbli fuq il-bażi ta' prezz minimu ta' importazzjoni (MIP).

2. Bidu

(2) Fit-13 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni ħabbret b'avviż ⁽³⁾ ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (avviż ta' bidu) il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' urea li toriġina mir-Russja, bi qbil ma' l-Artoklu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(3) Ir-reviżjoni bdiet fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni sabiex jiġi eżaminat jekk il-forma tal-miżuri fis-seħħ, bħalissa bħala MIP, humiex xierqa, minħabba illi ma jagħmlux differenza bejn bejgħ magħmul ma' partijiet relatati u bejgħ magħmul ma' partijiet mhux relatati, jew l-ewwel bejgħ u bejgħ segwenti lejn il-Komunità u sar evidenti li dan seta' jwassal għal problemi ta' infurzar. B'konsekwenza, il-miżuri eżistenti ma dehrux li kienu biżżejjed sabiex ipattu għad-*dumping* li qed jagħmel il-ħsara.

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1972/2002 (ĠU L 305, tas-7.11.2002, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 127, tad-9.5.2001, p. 11.

⁽³⁾ ĠU C 140, tat-13.6.2002, p. 5.

(4) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-importaturi, l-utenti magħrufa li kienu kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni kkonċernat u l-produtturi tal-Komunità bil-bidu tal-proċeduri. Partijiet interessati ngħataw l-oportunità illi jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' bidu.

(5) Assoċjazzjoni ta' produtturi tal-Komunità, assoċjazzjoni ta' importaturi, żewġ assoċjazzjonijiet ta' utenti, utent wieħed u kumpanija illi tirrapreżenta 10 importaturi, negozjanti u utenti Taljani taw l-opinjoni tagħhom bil-miktub. Il-partijiet kollha li talbu dan fil-limitu taż-żmien, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu, ingħataw l-oportunità li jinstemgħu.

(6) Il-Kummissjoni fittxet u ivverifikat l-informazzjoni kollha li kkonsidrat xierqa għall-għan illi jiġi stabbilit jekk il-miżuri fis-seħħ kienux xierqa.

B. IS-SEJBIET TA' L-INVESTIGAZZJONI

(7) Il-bidu ta' reviżjoni interim kienet motivata mill-ħtieġa illi jiġi llimitat ir-riskju li tiġi evitata t-taxxa. Evażjoni ta' t-taxxa bħal din tista' ssir f'ċirkostanzi differenti. Meta esportaturi, li bħalissa huma soġġetti għall-miżuri imposti mill-MIP, jespportaw lejn il-Komunità, jistgħu ikunu f'pożizzjoni illi jitolbu ħlas bi prezz ogħla mill-MIP, u b'hekk jikkumpensaw dan il-prezz wara d-dikjarazzjoni tad-dwana bi ftehim mad-dwana. Dan jista' jagħmel lill-MIP mhux effettiv, minħabba li jista' jfisser li l-prodott ikkonċernat għadu jiġi effettivament esportat taħt l-MIP lejn il-Komunità. Għaldaqstant, dan jista' jwassal għal prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fil-Komunità li ma jippermettux li jintlaħqu l-effetti mixtieqa tal-miżura, jiġifieri li jitneħħa l-effett ta' ħsara tad-*dumping*. Ir-riskju sostanzjali ta' manipolazzjoni tal-prezz meta taxxi jieħdu l-forma ta' MIP ġie emfasizzat bis-sejbiet tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri fir-Rapport Annwali tagħha ta' l-2000 ⁽⁴⁾. Sabiex tiġi ndirizzata din il-problema, kien maħsub illi l-MIP jiġi mibdul b'taxxa ad valorem.

⁽⁴⁾ ĠU C 359, tal-15.12.2001, p. 1, partijiet 1.31 u 1.35.

(8) Għalkemm taxxa ad valorem hija, b'mod ġenerali, ikkondrata bħala aktar xierqa sabiex tevita r-riskju ta' manipolazzjoni tal-prezz, instab illi fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, ir-riskju ta' manipolazzjoni tal-prezz kien baxx ħafna minħabba li, fuq perjodu ta' żmien sostenut, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet b'mod ġenerali kienu fil-fatt 'l fuq mill-MIP. Għalhekk, esportaturi ma kienu ikollhom għalfejn jimmanipulaw il-prezzijiet bil-mod stabbilit fil-parti 7 sabiex ikunu kompetittivi. Dan kien ikkonfermat ukoll minn partijiet interessati li, bl-eċċezzjoni ta' l-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Komunità, ikkonsidraw li l-forma tal-miżura ma għandhiex tinbidel.

(9) L-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Komunità qalet li taxxa speċifika kienet tkun aktar xierqa sabiex tevita r-riskju ta' manipolazzjoni tal-prezz. Qalet ukoll li taxxa ad valorem tkun aktar effettiva minn MIP. Madankollu, ġie stabbilit li fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ partikolari, ir-riskju ta' manipolazzjoni tal-prezz kien baxx ħafna. Minkejja dan, jekk is-sitwazzjoni tas-suq ta' l-urea tinbidel u tingħata evidenza lill-Kummissjoni li dan it-tibdil iżid ir-riskju ta' manipolazzjoni, tista' tittieħed azzjoni xierqa. Sadanittant, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari għall-prezzjinijiet ta' importazzjoni ta' urea li toriġina mir-Russja u ingħibdet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana fuq din il-kwestjoni.

(10) Ġie għalhekk konkluż li, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari u speċifiċi ħafna tal-każ preżenti, ma hemm l-ebda

raġuni bħalissa sabiex tinbidel il-forma tal-miżura dwar l-importazzjonijiet ta' urea li toriġina mir-Russja u r-reviżjoni interim parzjali għandha tintemm mingħajr emenda għall-miżuri *anti-dumping* imposti mir-Regolament (KE) Nru 901/2001,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' urea li toriġina mir-Russja, mibdija bi qbil ma' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, huwa b'dan il-mezz mitmum mingħajr emendi għat-taxxa *anti-dumping* fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MATTEOLI